MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Numru. 812/2012

**Pulizija**
**Spettur Gabriel Micallef**

**Vs**

**Joseph Roderick Calleja**

**Illum 1 ta' Novembru 2012.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Roderick Calleja, ta' 29 sena, iben Francis u Maria nee' Galea, imwieled Pieta' fis-6 ta' Marzu 1983 u residenti fil-fond Gilju, Flat 3, Triq il-Pont, Mosta u detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 180683 M;

Talli nhar il-Hadd, 18 ta' April, 2010, ghall-habta tal-10.00am, gewwa l-fond maghruf bhala Monopoly, Flats fi Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar

1. permezz ta' sikkina, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ronald Apap mill-Imqabba skont ma ccertifika t-tabib Dr. R. Busuttil MD (reg. no. 1854)mic-centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u hin waqt li kien sejjer jikkommetti l-imsemmi delitt kellu u garr fuq il-persuna tieghu, arma regolari (sikkina) u talli zamm u garr fuqu l-istess arma minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. Kif ukoll, talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u m jistghux jigu mibdula.

Rat l-Artikoli 221 u 217, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 6, 7 u 51(7) u (8) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat;

Illi wara li din il-Qorti ezaminat il-provi migjuba, qieghda tiddikjara dawn il-proceduri preskritti, peress illi ghadda t-terminu indikat fl-Artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti fehmet il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------